MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 9/2008

**Vanessa Mifsud**

**vs**

**Malta Enterprise Corporation**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Settembru, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> “1. Riferenza.
>
> Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-24 ta' April 2007.
>
> 2. Rapprezentanza.

2.1 Malta Enterprise Corporation, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-korporazzjoni intimata, kienet irrapprezentata minn Antoinette Caruana fil-bidu assistita mill-Avukat Mario Demarco u aktar tard mill-Avukat Ramon Rossignaud.

2.2 Vanessa Mifsud, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet irrapprezentat mill-Avukat Aaron Mifsud Bonnici.

3. Fatti fil-qosor tal-kaz.

F'Jannar 2006, ir-rikorrenti kienet trasferita minn mat-Taqsima tat-Trade Promotion ghat-Taqsima tal-Marketing & Business Development tal-korporazzjoni intimata. Ir-rikorrenti kienet spiss tasal tard fil-ghodu minhabba allegata kundizzjoni fizika, izda kienet taghmel tajjeb ghal dan il-hin tard, billi, jew tahdem waqt il-break, jew tibqa' aktar tard wara l-hin normali tax-xoghol. Meta kienet trasferita mat-Taqsima l-gdida, talbet u nghatat koncessjoni ta' flessibilita' fil-hinijiet tax-xoghol. F'Settembru 2006, ghamlet talba ghal koncessjoni ta' jumejn leave minghajr hlas biex issiefer u kienet milqugha. Nhar is-07.11.06, ir-rikorrenti rceviet ordni b'e-mail biex tibghat 80 kopja ta' fuljetti promozzjonali minghajr CD bil-lingwa Franciza fl-indirizz privat ta' Louise Gibbon, ir-rapprezentanta tal-korporazzjoni intimata fi Franza, biex jaslu sa mhux aktar tard mit-tielet gimgha ta' Novembru 2006. Nhar it-28.11.06 it-Taqsima tal-Marketing & Business Development irceviet e-mail li l-fuljetti promozzjonali mwieghda ma kinux waslu Franza. Nhar id-29.11.06 ir-rikorrenti skuzat ruhha ghan-nuqqas taghha li tibghat id-dokumentazzjoni ordnata u gharrfet lil Clemence Azzopardi li kienet ser tiehu hsieb tibghathom. Clemence Azzopardi hadet f'idejha l-inkarigu li tibghat il-fuljetti promozzjonali lejn Franza hi stess, izda xorta wahda d-dokumentazzjoni baqghet ma waslitx sad-data

rikjesta. Nhar l-01.12.06 il-Kap tat-Taqsima tal-Marketing & Business Development gharrfet lir-rikorrenti li kienet irtiratilha l-koncessjoni rigwardanti l-flessibilita' fil-hinijiet tax-xoghol u wkoll hargitilha twiddiba miktuba rigwardanti n-nuqqas taghha li tibghat il-fuljetti ordnati lejn Franza. Nhar is-07.12.06 ir-rikorrenti regghet talbet xi granet leave minghajr hlas biex issiefer, izda t-talba kienet michuda. Fl-istess jum wara li spiccat mix-xoghol, it-tabib tal-familja ccertfika li r-rikorrenti kellha kundizzjoni ta' anzjeta' akuta, li kellha bzonn tistrieh ghal zmien mhux determinat, u zied jikkonferma li jkun ahjar ghaliha li tohrog mid-dar. It-tabib kuntrattat mal-korporazzjoni intimata ezamina lir-rikorrenti nhar il-11.12.06, u kkonferma d-dijanjozi tat-tabib tal-familja. Fl-istess jum, ir-rikorrenti kienet mgharrfa bil-miktub biex tgharraf lill-korporazzjoni intimata kemm kienet ser iddum ma tidhol ghax-xoghol u wkoll kienet ordnata biex kull darba, qabel ma tkun ser tohrog mid-dar, tavza b'dan lill-korporazzjoni intimata, biex it-tobba taghha jkunu ordnati jattendu f’hinijiet li hi tkun id-dar. Nhar it-12.12.06, ir-rikorrenti kienet iccertifikata mit-tabib tal-familja li kienet mehtiega ddum tliet gimghat ma tmur ghax-xoghol. Nhar it-18 u d-19.12.06 it-tabib kuntrattat mal-korporazzjoni intimata attenda ghand ir-rikorrenti, izda hadd ma fetahlu biex jidhol. Nhar id-19.12.06 ir-rikorrenti kienet mgharrfa b'ittra li meta fil-jum ta' qabel it-tabib kuntrattat mal-korporazzjoni intimata mar biex jinvistha ma fetahlu hadd, li l-messaggi bil-mobile telefon li kienet qieghda tibghat hi, ma kinux qeghdin jippermettu komunika interattiva u wkoll biex l-ghada nhar l-20.12.06, tibqa' d-dar biex jerga' jinvista t-tabib tal-korporazzjoni intimata. Nhar l-20.12.06 hi baqghet id-dar tistenna lit-tabib tal-korporazzjoni intimata, izda dan ma ghamilx il-vista. It-tabib mar l-ghada minghajr avviz u rega' ma sabiex id-dar. Fl-istess jum ta' l-21.12.06 il-korporazzjoni intimata harget it-tieni twiddiba miktuba lir-rikorrenti minhabba assenza mid-dar

nhar it-18 u d-19.12.06, minghajr il-komunika ordnata. F'xi zmien bejn is-07 u l-21.12.06 il-Kap tat-Taqsima tal-Marketing & Business Development sabet zewg cekkijiet b'dati skaduti u numru ta’ fatturi datati zmien sew qabel, fuq il-mejda tar-rikorrenti, flimkien ma' dokumenti ohra li ma kinux processati u kitbet rapport dwar dan in-nuqqas biex tittiehed azzjoni. Nhar it-22.12.06 ir-rikorrenti kienet mgharrfa bil-miktub li kienet qieghda tkun sospiza mix-xoghol minghajr hlas ghal gimaghtejn minhabba l-assenza mid-dar waqt li kienet certifikata li ma tiflahx. Nhar it-28.12.06 ir-rikorrenti kienet mgharrfa b'e-mail bid-dokumenti antiki li nstabu fuq il-mejda taghha u li kienet qieghda tkun imwiddba ghat-tielet darba minhabba negligenza u wkoll li kienet ser tkun mitluba tattendi laqgha tal-Bord tad-Dixxiplina biex tiddefendi lilha nnifisha dwar l-ahhar zewg twiddibiet. Kopja ta' l-ahhar twiddiba kienet annessa ma' l-e-mail. Nhar l-01.01.07 it-tabib tal-familja rega' rrilaxxa certifikat lir-rikorrenti ghal gimgha. Nhar it-03.01.07, l-Avukat tar-rikorrenti, kiteb lill-korporazzjoni intimata fejn gharrafha bis-suspetti tieghu li l-azzjonijiet dixxiplinarji kollha li ttiehdu kontra l-klijenta tieghu kienu jiksru l-ftehim kollettiv. Il-konsulent legali tal-korporazzjoni intimata wiegeb ghal din l-ittra fl-istess jum fejn fost affarijiet ohra, gharrfu li s-sospensjoni ma kinitx ser tiddahhal fis-sehh sakemm il-procedura dixxiplinarja miftiehma tkun segwita mill-korporazzjoni intimata. Minkejja din l-assigurazzjoni, il-Bord tad-Dixxiplina ma ltaqa' qatt. Ir-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol u kompliet bit-tardivita taghha matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2007. Nhar l-01.03.07, il-korporazzjoni intimata gharrfet lir-rikorrenti bil-miktub li kienet qed tohorgilha r-raba' u l-ahhar twiddiba miktuba minhabba tardivita' ripetuta, u wkoll li minhabba t-tliet twiddibiet li nghatawlha f’Dicembru 2006, kienet qieghda titkecca mill-impjieg.

4. Lista tax-xhieda.

4.1 Anton Callus xehed ghall-korporazzjoni intimata. 4.2 Vanessa Mifsud xehdet ghaliha nnifisha.
4.3 Clemence Azzopardi, Mary Rose Bonnici, Antoinette Catania, Nadine Cauchi, Chris Falzon, Mario Galea, u Dennis Vella kienu xhieda komuni.

5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-korporazzjoni intimata esebiet:

5.1.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz flimkien ma' sitta u erbghin dokument, immarkati B1 sa B46.
5.1.2 zewg e-mails datati 07.11.06, immarkati Dok. CA1.
5.1.3 tliet e-mails datati 07.11.06, 28.11.06 u 29.11.06, immarkati Dok. CA2.
5.1.4 information pack u Air WayBill, immarkati Dok. CA3 u CA4 rispettivament.
5.1.5 estratt tal-ftehim kollettiv konsistenti fil-procedura dixxiplinarja, immarkat Dok. MEC1.

5.2 Ir-rikorrenti esebiet:

5.2.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz.
5.2.2 e-mail datata 17.01.06, imarkata AMB/DV/1.
5.2.3 e-mail datata 27.03.06, immarkata AMB/VM/3.
5.2.4 zewg Tariff & Transit Time Guides datati 17.10.07, wahda minghand DHL u l-ohra minghand TNT, immarkati Dok. AMB/VM/1 u AMB/VM/2.

6. Gabra fil-qosor tax-xhieda.

6.1 Mary Rose Bonnici, impjegata fil-kariga ta' Human Resources Executive mal-korporazzjoni intimata, stqarret li sal-05.09.06, ir-rikorrenti kienet hadet il-leave kollu bi hlas. F'Awwissu 2006 talbet

u nghatat jumejn u nofs leave minghajr hlas biex jittiehed f'Settembru 2006. F'Ottubru 2006 regghet talbet u nghatat erbat ijiem leave minghajr hlas biex jittiehed fl-istess xahar. It-tielet talba ghal leave minghajr hlas li saret nhar is-07.12.06 ma kinitx milqugha, u r-rikorrenti kienet mgharrfa fl-istess jum. Nhar il-11.12.06 ix-xhud irceviet e-mail minghand ir-rikorrenti b'avviz li kienet qieghda tirrapporta li ma tiflahx tidhol ghax-xoghol. Aktar tard fl-istess jum ix-xhud irceviet bil-fax kopja tac-certifikat miftuh tat-tabib kuranti tar-rikorrenti b'dijanjosi ta' anzjeta akuta u rakkomandazzjoni biex ir-rikorrenti tohrog mid-dar. Fl-istess jum Nadine Cauchi baghtet fax lir-rikorrenti fejn talbitha biex tikseb taghrif minghand it-tabib kuranti taghha dwar meta ser terga' tkun tajba biex tidhol lura ghax-xoghol u wkoll biex tgharraf lid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani meta ma tkunx ser tkun id-dar, biex it-tobba ma jmorrux ghandha ghalxejn. F'dan l-istess jum it-tabib tal-korporazzjoni intimata kien invista lir-rikorrenti u kkonferma li kien ra c-certfikat tat-tabib kuranti taghha. Nhar it-18 u d-19.12.06 it-tabib tal-korporazzjoni intimata rega' ghamel visti ghand ir-rikorrenti, u ghalkemm il-korporazzjoni intimata ma kinitx mgharrfa li r-rikorrenti kienet ser tohrog, irrapporta li hadd ma fetahlu l-bieb. Wara li kull attentat li sar biex ir-rikorrenti tispjega l-assenza taghha mid-dar minghajr avviz, falla, il-korporazzjoni intimata harget it-tieni twiddiba miktuba. Nhar il-21.12.06 it-tabib tal-korporazzjoni intimata rega' mar jinvista lir-rikorrenti u rega' ma fetahlu hadd. L-ghada l-korporazzjoni intimata kitbet lir-rikorrenti u gharrfitha li kienet qieghdha tkun sospiza ghal gimaghtejn. Aktar tard fl-istess xahar, Antoinette Catania gharrfet lil Nadine Cauchi li wara tfittxija ghal xi xoghol b'lura, li ghamlet fuq l-iskrivanija tar-rikorrent, kienet sabet numru ta' dokumenti, xi whud skaduti, ohrajn antiki xhur, jistennew azzjoni immedjata. Minhabba dan, Nadine Cauchi gharrfet lir-rikorrenti bil-hrug tat-tielet twiddiba miktuba. Nhar it-08.01.07 ir-

rikorrenti rrapurtat lura ghax-xoghol. Minkejja li f’Dicembru 2006 il-korporazzjoni intimata rtirat lir-rikorrenti l-koncessjoni ghal dhul tard, ir-rikorrenti kompliet tattendi tard ghax-xoghol ripetutament matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2007. Ix-xhud temmet tghid li minhabba f’hekk, ir-rikorrenti nghatat ir-raba’ twiddiba miktuba, u fl-istess waqt intemmilha l-impjieg nhar l-01.03.07.

Fil-kontro-ezami x-xhud stqarret li d-dokumenti kollha rigwardanti t-twiddib miktub u l-avviz tas-sospensjoni ntbaghtu lir-rikorrenti fl-indirizz taghha fil-Hamrun, u wkoll bil-fax fl-istess numru tal-fax li kienet wzat ir-rikorrenti. Il-korporazzjoni intimata ripetutament talbet spjegazzjoni ghad-diversi allegati offizi, izda r-rikorrenti qatt ma wiegbet ghal dawn it-talbiet. Minhabba f’dan in-nuqqas ta' komunika l-korporazzjoni intimata qatt ma harget akkuzi miktuba, izda mill-ewwel harget twiddib miktub u avviz ta’ sospensjoni. Ix-xhud temmet tghid li smigh ta' akkuzi ma sar qatt minhabba l-istess nuqqas ta' komunika.

6.2 Nadine Cauchi, impjegata fil-kariga ta' Manager-Public Relations mal-kumpanija intimata, stqarret li r-rikorrenti kienet tokkupa l-kariga ta' Executive-Marketing Division u kienet tirraporta lil Antoinette Caruana. Ix-xhud kompliet tghid li hi involviet ruhha fil-kazi rigwardanti r-rikorrenti ghal habta ta' Ottubru/Novembru 2006, meta bdiet fil-kariga ta' Manager-Public Relations. F'Novembru 2006 ir-rikorrenti kienet mgharrfa permezz ta' e-mail biex tibghat materjal pubblicitarju lejn Franza, izda minghajr indikazzjoni dwar l-uzu tieghu. Jirrizulta li r-rikorrenti kienet bdiet il-preparattivi mehtiega, izda nsiet tibghat il-materjal. Minhabba dan in-nuqqas, li kien ammess mir-rikorrenti stess, ir-rikorrenti nghatat twiddiba miktuba. Aktar tard fl-istess xahar, ir-rikorrenti talbet leave minghajr hlas, izda t-talba taghha ma ntlaghqetx. Fl-istess jum ta' dan ir-rifjut, wara li spiccat mix-xoghol fil-hin normali taghha, ir-rikorrenti kisbet minghand it-

tabib kuranti taghha certifikat mediku miftuh (open), li kien jghid ukoll li r-rikorrenti setghet tohrog mid-dar. Bhal ma jsir is-soltu, il-korporazzjoni intimata bdiet tibghat it-tabib taghha biex jezaminaha. It-tabib tal-korporazzjoni intimata ghamel diversi vizti, u r-rizulta li meta mar gie li r-rikorrenti ma sabiex id-dar. Minhabba f’hekk, il-korporazzjoni intimata gharrfet lir-rikorrenti biex tavza t-taqsima tar-Rizorsi Umani meta tkun hierga, biex setghu jkunu ko-ordinati l-vizti tat-tobba. Ix-xhud kompliet tghid li l-korporazzjoni intimata wzat kull mezz ghad-dispozizzjoni taghha biex tikkomunika mar-rikorrenti, ez. fax, sms u ittri, ghaliex kull meta ppruvat bit-telefon fiss jew mobile, qatt ma rnexxielha. Meta t-tabib tal-korporazzjoni intimata rega' mar ghand ir-rikorrenti u ma sabhiex id-dar, saret konsultazzjoni mar-rapprezentanti trejdjunjonistici u nhagitilha t-tieni twiddiba miktuba. Wara xi zmien, it-tabib tal-korporazzjoni intimata rega' mar jinvizta lir-rikorrenti, sabha d-dar u kkonferma c-certifikat tat-tabib kuranti tar-rikorrenti. Nhar it-08.01.07 ir-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol u kienet puntwali, izda bil-mod il-mod, u minkejja li Antoinette Caruana kienet irtiratilha l-koncessjoni ghal dhul tard, it-tardivita` regghet bdiet tirrepeti ruha. Ix-xhud ikkonfermat li l-Management tal-korporazzjoni intimata kien iddecieda li jtemm l-impjieg tar-rikorrenti.

Waqt il-kontro-ezami x-xhud spjegat li meta impjegat jinghata twiddiba bil-fomm, tinzamm nota, izda din ma tkunx tifforma parti mill-personal file ta’ l-impjegat koncernat. Jekk l-offizi jkomplu, tinhareg twiddiba miktuba u din titpogga fil-personal file. Wara xi zmien, din it-twiddiba bil-fomm tpoggiet fil-personal file tar-rikorrenti u saret riferenza ghaliha fil-process dixxiplinarju li segwa. Ix-xhud kompliet tghid li r-rikorrenti qatt ma gharrfitha li kienet marret taghmel xi zmien fil-post vileggatura li l-familja kellha Bugibba, biex it-tabib tal-kumpanija jkun jista' jintbaghat hemm. Ziedet

tghid li l-procedura dwar mard tal-korporazzjoni intimata tirrikjedi li meta impjegat ikun certifikat marid, izda li jista' johrog, irid jgharraf lid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani meta jkun ser johrog u jirritorna d-dar, biex ikunu ko-ordinati l-vizti tat-tobba. Ix-xhud ikkonfermat li t-tieni twiddiba nharget minhabba li r-rikorrenti ma nstabitx id-dar mit-tabib tal-korporazzjoni intimata, ma avzatx dwar l-assenza taghha mid-dar, u wkoll ghaliex ma wegbitx ghall-istedina li saritilha biex tispjega ghan-nuqqas taghha. Minbarra t-twiddiba miktuba, ir-rikorrenti kienet sospiza. Minkejja parir legali, li l-korporazzjoni intimata setghet tissospendi lir-rikorrenti, ix-xhud qalet li wara li qrat l-artiklu rilevanti tal-ftehim kollettiv, intebhet li l-procedura wzata kienet tmur kontra l-ftehim kollettiv. Minhabba f'hekk is-sospensjoni ma kinitx esegwita. Ghal xi raguni mhux maghrufa, ir-rikorrenti qatt ma kienet mgharrfa li s-sospensjoni kienet irtirata. Ix-xhud ikkonfermat li r-rikorrenti kienet certifikata mit-tabib kuranti taghha li kienet qieghda ssofri minn anzjeta' u dipressjoni. Wara li r-rikorrenti kienet ilha nieqsa mill-Ufficcju ghal xi gimaghtejn, Antoinette Caruana kienet sabet xoghol pendenti fuq l-iskrivanija tar-rikorrenti, u minghajr ma saret komunika mar-rikorrenti nhargitilha twiddiba miktuba ohra. Ghalkemm din il-procedura ma kinitx konformi mal-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, ma setax isir mod iehor, ghaliex ir-rikorrenti kienet incommunicado. Din it-tielet twiddiba setghet twassal ghat-temma ta' l-impjieg, izda l-korporazzjoni intimata ma temmitx l-impjieg. Wara dan kollu, ir-rikorrenti kompliet tidhol tard, u minhabba t-twiddib kollu miktub precedenti, tkecciet mill-impjieg. Ix-xhud temmet tghid li kien hemm zmien meta l-korporazzjoni intimata kkonsidrat il-possibilita' li twaqqaf Bord ta' Dixxiplina, izda ma sar xejn ghaliex ma setghetx tikkomunika mar-rikorrenti u minhabba l-klawsola restrittiva taz-zmien kellha tagixxi biex tevita l-iskadenza.

6.3 Vanessa Mifsud, ir-rikorrenti, stqarret li f’Dicembru 2003 kienet bdiet fl-impjieg mal-korporazzjoni intimata fil-kariga ta' Support Officer. F'Dicembru 2005 inhatret f’kariga oghla ta' Executive, fil-Marketing Department. Ix-xhud kompliet tghid li b'rizultat ta' cirkustanzi personali bdiet thoss ruhha dipressata li maz-zmien tant zdiedet li ma komplietx torqod tajjeb matul il-lejl, u li dan kollu beda jirrizulta f’attendenza tardiva regolari fuq ix-xoghol. Fuq talba taghha lil Antoinette Catania, inghatat direttiva bil-fomm biex taghmel tajjeb ghat-tardivita' billi tibqa’ wara l-hin normali tax-xoghol, u dan biex tlahhaq is-sighat kuntrattwali. Wara xi zmien din il-koncessjoni nghatatilha bil-miktub b'limitu ta' 30 minuta kull jum. Fil-bidu ta' Novembru 2006 waslitilha talba minghand Clarence Azzopardi, biex tibghat 80 dokument promozzjonali minghajr CD lil Louise Gibbons fl-indirizz privat taghha fi Franza. Minhabba li t-talba ma kinitx tindika xi htiega partikulari ghal dawn id-dokumenti, hi assumiet li din kienet biex issostni l-istock tal-letteratura promozzjonali li kienet tinzamm mir-rapprezentanta. Aktat tard waqt il-kontro-ezami, ir-rikorrenti ammettiet li kienet taf li kienu saru xi biljetti ta' stediniet ghall-avveniment in kwistjoni, u allura t-talba li kienet saret kienet marbuta ma' avveniment. Dan ix-xoghol kienet ghamlitu bosta drabi qabel u allura kien xoghol ta' rutina. Ix-xhud kompliet tghid li mill-ewwel bdiet tipprepara l-materjal, izda minhabba li kien fadal hafna zmien bdiet tikkoncentra fuq xoghol iehor. Ix-xhud ikkonfermat li hi kellha sistema bin-noti biex tfakkar lilha nnifisha meta joqrob iz-zmien ghal azzjoni, izda ma setghetx tispjega x'kien gara, biex ghal din id-darba, is-sistema falliet. Ghadda z-zmien u nsiet tibghat il-materjal biex jasal sad-data preskritta. Minhabba f’dan in-nuqqas, u minkejja intervent ta' Clarence Azzopardi biex il-materjal jintbaghat bil-courier, il-materjal pubblicitarju baqa' ma wasalx Marsilja sad-data meta kien ser isir l-avveniment promozzjonali. Ftit

tal-hin wara, Antoinette Caruana gharrfitha li fuq ordni ta' Mario Galea, kienet ser tohorgilha twiddiba miktuba. Aktar tard fl-istess jum, Antoinette Catania newlitilha envelope maghluq li kien fih it-twiddiba miktuba. Ir-rikorrenti kkonfermat li fl-ebda stadju tad-diskursati li kellha ma' Antoinette Catania ma nghatat opportunita' biex tiddefendi ruhha jew biex tikseb ghajnuna biex tkun tista' taghmel hekk. Fl-istess waqt tnehhitilha l-koncessjoni ta' nofs siegha flessibilita' fil-hin, u kienet rifjutata t-talba ghal leave minghajr hlas ghal Dicembru 2006. Dawn it-tliet mizuri dixxiplinarji ghal zball wiehed f’ghaxar snin effettwawha hazin hafna. Meta waslet id-dar, missierha hadha ghand it-tabib li ccertifikha li kienet qieghda tbghati minn dipressjoni akuta, irrakkomandalha biex ma tattendix ghax-xoghol ghal tliet gimghat, u biex tohrog mid-dar biex thossha ahjar. Ix-xhud qalet li t-talba precedenti ghal leave minghajr hlas u c-certifikazzjoni tal-mard ma kinux jikkoncidu.

Nhar il-11.12.06 it-tabib tal-korporazzjoni intimata invizta lir-rikorrenti u hargilha cetifikat tal-mard, identiku ghal dak tat-tabib kuranti taghha, kemm rigwardanti d-dijanjosi kif ukoll minghajr terminu. Ir-rikorrenti kompliet tghid li nhar it-18.12.06, hi kienet wahedha, rieqda d-dar. Minhabba f’hekk meta t-tabib tal-korporazzjoni intimata habbat il-bieb, hi ma semghetux u lit-tabib ma fetahlu hadd. Aktar tard sabet nota minghand it-tabib li kienet tikkonferma l-vizta, izda ma ghamlet xejn dwar dan. Nhar id-19.12.06 ir-rikorrenti gharrfet lil Mary Rose Bonnici b'sms li ma kinitx ser tkun id-dar il-gurnata kollha, izda ma qaltilhiex li kienet sejra Bugibba. L-ghada, kienet ordnata tibqa' d-dar biex tistenna lit-tabib tal-korporazzjoni intimata, izda minkejja li ghamlet hekk it-tabib ma deherx. Wara dan irceviet it-tieni twiddiba miktuba. Ir-rikorrenti ammettiet li kienet irceviet ordni biex tikkomunika direttament mal-korporazzjoni intimata, izda ddecidiet li ma taghmilx hekk minhabba t-

trattament li kienet qieghda tircievi. Nhar il-21.12.06 regghet baghtet sms lil Mary Rose Bonnici u gharrfitha li kienet ser tohrog mid-dar. Ftit jiem wara rceviet taghrif ta' sospensjoni ta' gimaghtejn minghajr paga. Aktar tard kienet mgharrfa li kienet mistennija tattendi ghal smigh quddiem Bord ta' Dixxiplina li ma sar qatt. Wara li ghadda ftit aktar zmien irceviet it-tielet twiddiba miktuba. Dawn il-mizuri kollha bdew jinkwetawha bis-shih u nhar it-08.01.07, fuq parir tat-tabib kuranti taghha, dahlet lura ghax-xoghol minkejja li ma kinitx tajba. Meta dahlet lura, ma tkellmet ma' hadd dwar dak kollu li kien sehh u ma kellimha hadd, izda kienet konxja minn ostilita' fl-imgiba ta' dawk kollha madwarha.

Minhabba li l-problema personali li kellha kienet ghadha qieghda tinkwetaha, regghet bdiet tidhol tard spiss. Nhar l-01.03.07 Antoinette Catania gharrfitha li Nadine Cauchi kienet gejja tkellimha fl-4.30pm. dwar it-tardivita' ripetuta. Meta ltaqghu, Nadine Cauchi tatha ittra li kienet tinkludi r-raba' twiddiba miktuba flimkien ma' avviz tat-temma ta' l-impjieg. L-offerta li saritilha biex tirrizenja, irrifjutatha. Ix-xhud temmet tghid li fil-frattemp qieghda tahdem ma' missierha part time.

7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet.

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, -Avukat Ramon Rosssignaud f'isem il-korporazzjoni intimata:

- stqarr li rigward l-ewwel twiddiba miktuba minhabba li ma baghtitx materjal pubblicitarju lejn Franza, li nharget nhar l-01.12.06, ir-rikorrenti ammettiet in-nuqqas taghha u ma skulpatx lilha nnifisha.
- stqarr li rigward it-tieni twiddiba miktuba minhabba li ma fethitx lit-tabib tal-korporazzjoni intimata li mar jinvizta, u li nharget nhar l-20.12.06 tat verzjonijiet differenti. Xi drabi qalet li kienet tkun id-dar wahedha rieqda, u drabi ohra qalet li

kien rakkomandat lilha mit-tabib, li jkun ahjar jekk tohrog mid-dar. Izda x-xhud baqghet siekta dwar id-diffikultajiet li kellha l-korporazzjoni intimata biex tikkomunika maghha.

• stqarr li rigward it-tielet twiddiba miktuba li nharget nhar it-28.12.06, minhabba l-iskoperta ta' dokumenti skaduti u ohrajn li kienu jehtiegu azzjoni immedjata, u li nstabu fuq l-iskrivanija taghha, ir-rikorrenti ma cahditx u offriet biss skuzi.

• stqarr li rigward ir-raba' twiddiba miktuba u l-eventwali temma ta' l-impjieg li nhargu nhar l-01.03.07, minhabba tardivita' ripetuta matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2007, ir-rikorrenti rrepetiet biss l-allegata problema li kienet tbati biex torqod u konsegwentement biex tqum.

• ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili ta' l-04.03.04, presjeduta mill-Imhallef Tonio Mallia fl-ismijiet Simon Aquilina vs Avante Limited.

• ghamel riferenza ghad-decizjoni numru 1416 tat-Tribunal Industrijali fil-kaz Sammy Borg vs Malta Fishfarming Limited.

• ghamel riferenza ghall-ftehim kollettiv, b'mod partikulari ghall-artiklu fejn jinghad li meta impjegat ikun inghata tliet twiddibiet miktuba, jista' jintemmlu l-impjieg.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib li t-temma ta' l-impjieg saret fit-termini tal-Ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Aaron Mifsud Bonnici f'isem ir-rikorrenti:

• ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sede Civili, fil-kaz Matthew Camilleri vs Maltapost plc. u fil-kaz Carmel Schembri vs Enemalta Corporation.

• stqarr li l-korporazzjoni intimata m'ghandhiex diskrezzjoni li tvarja l-ftehim kollettiv rigwardanti kif tkun ezercitata l-procedura dixxiplinarja.

• stqarr li ghalkemm fil-kaz tat-taghrif pubblicitarju r-rikorrenti ammettiet in-nuqqas taghha, kien hemm cirkustanzi mitiganti.
• stqarr li fil-kazi li wasslu ghat-tieni, it-tielet u r-raba' twiddibiet miktuba, u wkoll fil-kaz tas-sospensjoni u ghat-temma ta’ l-impjieg, il-korporazzjoni intimata qatt ma osservat il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv.
• stqarr li minn dan kollu tirrizulta tkeccija ingusta.
Fid-dawl ta' dan kollu r-rikorrenti titlob li tinghata l-impjieg lura.

8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Imnezza minn kull prova u argument li m'ghandomx rilevanza, u galadarba jezisti ftehim kollettiv bejn il-korporazzjoni intimata u l-Union maghrufa, il-pern ta' dan il-kaz hu, jekk il-process li wassal ghad-decizjoni ta' hrug ta' twiddib miktub, sospensjoni u temma ta' l-impjieg kinux konformi mal-procedura miftiehma. Il-kompitu tat-Tribunal Industrijali f’kaz tali hu li jezamina l-process u jiddeciedi, fost affarijiet ohra, jekk il-korporazzjoni intimata osservatx l-obbligi kollha taghha skond il-ftehim biex tistabbilixxi l-htija, u tiddeciedi dwar il-penali.

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta:

• l-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-artiklu 41 tal-kodici tad-dixxiplina miftiehma bejn il-korporazzjoni intimata u l-Union maghrufa jghidu car li ghal offizi li ma jwasslux ghal tkeccija jew sospensjoni, il-Kap tad-Dipartiment ghandu jghati l-opportunita' lill-impjegat biex iggustifika n-nuqqas li dwaru jkun akkuzat. Is-sitt paragrafi li jsegwu jispjegaw il-procedura f’kaz li l-allegati offizi jistghu jwasslu ghal tkeccija jew sospensjoni ghal mhux aktar minn xahar. F'kull stadju ta' smigh, l-

impjegat ghandu dritt li jinstema' u li jkun assistit minn persuna ta' fiducja jekk ikun jixtieq hekk.

- bejn l-01.12.06 u l-01.03.07, Il-korporazzjoni intimata akkuzat lir-rikorrenti b'diversi offizi u minghajr opportunita' ta' difiza, harget erba' twiddibiet miktuba, issospendietha ghal gimaghtejn, liema sospensjoni ma kinitx esegwita, u wkoll temmet l-impjieg permezz ta' l-ittra li kien fiha r-raba' twiddiba.
- il-mod kif agixxiet il-korporazzjoni intimata f'kull kaz, kien kundizzjonat mill-mod kif ir-rikorrenti razznet kwazi ghal kollox il-kommunikazzjoni interattiva u f'waqta, bejn il-partijiet.
- jirrizulta car, li l-korporazzjoni intimata estendiet ir-restrizzjoni li kellha ta' zmien skond il-ftehim biex tinhareg akkuza, biex tkopri wkoll il-process biex jinstema' l-kaz u tittiehed decizjoni. Iz-zewg suggetti huma distinti u m'ghandhomx l-istess restrizzjonijiet.
- Minhabba din l-ahhar interpretazzjoni zbaljata tal-ftehim kollettiv, l-azzjonijiet kollha tal-korporazzjoni intimata saru bi ksur tal-ftehim kollettiv.

It-Tribunal Industrijali jrid jaghmilha cara li f'dak li nghad hawn fuq m'ghandux remotament ikun interpretat li jfisser li l-allegati offizi tar-rikorrenti m'ghandhomx ikunu investigati minn-Bord ta' Dixxiplina tal-korporazzjoni intimata. Lanqas ma jfisser li l-piena gusta ghall-komplessita' ta' l-akkuzi bil-fors tkun, jew ma tistax tkun, it-temma ta' l-impjieg. B'dak li nghad hawn fuq it-Tribunal Industrijali jrid ifisser li l-ezistenza ta' l-artiklu 41 tal-ftehim kollettiv tezigi mill-korporazzjoni intimata li tinvestiga fid-dettal ic-cirkustanzi ta' l-allegati offizi u skond ma jirrizulta tiddeciedi dwar il-penali.

9. Decizjoni.

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda

u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta’ kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li:

- li l-penalitajiet kollha decizi mill-korporazzjoni intimata, inkluza dik tat-temma ta' l-impjieg, huma invalidi ghaliex ma segwewx il-process miftiehem.
- fid-dawl ta' dak li nghad aktar qabel ir-rikorrenti ghandha titqieghed fl-istat ante quo id-decizjoni tal-korporazzjoni intimata li nghatat nhar l-1 ta' Marzu 2006. Il-korporazzjoni intimata ghandha dritt u obbligu li tiddeciedi kif ghandha tithallas ir-rikorrenti bejn l-01.03.07, u z-zmien meta jintemm il-process intern ta' dixxiplina li ser ikun ordnat mit-Tribunal Industrijali.
- it-twiddibiet miktuba kollha li nhargu kontra r-rikorrenti u li fihom spjega ta' l-akkuzi li minhabba fihom inghatat il-penali, ghandom iservu minflok l-akkuzi rikjesti mill-ftehim.
- il-korporazzjoni intimata ghandha twaqqaf Bord ta' Dixxiplina indipendenti, u taghti lir-rikorrenti l-opportunita` li tiddefendi lilha nnifisha, assistita kif tixtieq, kontra l-akkuzi kollha migjuba kontriha. Il-Bord tad-Dixxiplina indipendenti ghandu jeskludi kull impjegat jew konsulent li attenda xi laqgha jew laqghat tal-Management li matulhom kienu diskussi l-allegati akkuzi kontra r-rikorrenti, jew il-penalitajiet li segwew, jew li taw pariri dwar il-htija u jew l-azzjonijiet li kellhom jittiehdu. Fil-kaz li ma jezisti hadd internament biex iservi fuq il-Bord tad-Dixxiplina, ghandha tinhatar persuna minn barra l-korporazzjoni.
- it-Tribunal Industrijaii jordna li l-laqghat tal-Bord tad-Dixxiplina indipendenti ghal dan l-iskop, ghandhom jintemmu sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data ta' din id-decizjoni.
- fil-kaz li l-Bord tad-Dixxiplina indipendenti jiddeciedi li xorta wahda hemm raguni tajba u bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti, id-data li fiha jikkomunika d-decizjoni ahharija tieghu, tkun id-data li minnha jibda jghodd terminu gdid ta' erba' xhur biex ir-rikorrenti, jekk tiddeciedi hekk, tirreferi l-kaz gdid lit-Tribunal Industrijali.

> Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17)."

Jidher li din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali ma ghogbot lill-ebda parti fil-litigazzjoni. Il-Korporazzjoni intimata talbet ir-revokazzjoni taghha in bazi ghal dak dedott fl-Artikolu 81 (1) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Hi tadduci bi gravam illi t-Tribunal ikkontravvena s-succitat dispost tal-ligi ghaliex, in vista tal-kariga ezekuttiva ta' l-appellata fil-Korporazzjoni, ma setax jigi ordnat ir-ri-inseriment taghha. Agguntivament, tissottometti illi t-Tribunal ikkontravvena wkoll il-provvediment tas-subinciz (2) (a) tal-predett Artikolu 81 fejn ordni ghat-twaqqif ta' Bord ta' Dixxiplina indipendenti. Skond il-Korporazzjoni appellanti, ordni konsimili ma kienetx awtorizzata mil-ligi u allura ghandha titqies *extra petita*;

Minn naha taghha r-rikorrenti Vanessa Mifsud talbet b'appell separat ir-riforma tas-sentenza billi filwaqt li tigi kkonfermata dik il-parti taghha fejn it-Tribunal iddikjara li l-penalitajiet u t-temm ta' impjieg huma invalidi ghaliex ma gietx segwita l-procedura miftehma, issir ir-revoka taghha in kwantu ghal kwantifikazzjoni tal-hlas dovut lilha mholli fil-gudizzju tal-Korporazzjoni. L-aggravji taghha huma koncepiti fis-sens li t-Tribunal kellu l-obbligu specifiku li jikkwantifika l-kumpens xieraq ghat-tkeccija taghha u li, barra minn hekk, l-istess Tribunal ma kellux il-poter li jvarja jew jemenda l-ftehim vigenti bejn il-partijiet izda biss li jiddikjara li l-"*warnings*" moghtija lilha huma nulli u bla effett. F'dan l-istess kuntest ta' l-ahhar izzid taggungi illi la l-procedura tat-tibdil minn "*warnings*" ghall-akkuzi mhix ikkontemplata mill-Ftehim Kollettiv, *ergo* it-Tribunal ma setax minn rajh jikkreja procedura *ad hoc*;

Fermi dawn il-kontestazzjonijiet ta' naha u ta' ohra, jokkorri li wiehed jezamina u jinterpreta s-sentenza tat-

Tribunal bir-razzjonalita` dovuta. Huwa mill-ewwel apparenti illi t-Tribunal ma ddecidiex il-mertu *ut sic* ta' l-addebitu da parti tal-Korporazzjoni fil-konfront ta' l-impjegata taghha u, allura, lanqas is-sostanza dwar jekk il-licenzjament taghha mill-impjieg kienx, ghal dawk l-istess addebiti, gustifikativ jew le. Ir-*ratio* tas-sentenza hi dik li f'sede extra-gudizzjali l-Korporazzjoni ma uniformatx ruhha ghal procedura miftehma fit-termini ta' l-artikolu 41 tal-Ftehim Kollettiv;

Evidentement, il-kwestjoni sostanzjali li kellu quddiemu t-Tribunal kienet impernjata fuq il-konsiderazzjoni illi l-Korporazzjoni adottat il-provvediment dixxiplinarju tat-tkeccija di fronte ghall-impjegata minghajr ma akkordatilha l-opportunita` li tiddefendi ruhha. Il-lezjoni additata mill-appellanti Vanessa Mifsud tad-drittijiet taghha ta' difiza kienet bla dubju, it-terren preponderanti tal-kontroversja, sew fil-fazi pre-processwali (ara *e-mail* ta' l-Avukat taghha a fol. 34), kif ukoll f'dik gudizzjali quddiem it-Tribunal (ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha a fol. 730). Hi, in effetti, ilmentat illi, u apparti l-*warnings*, ebda akkuza ("*charge*") ma nhargitilha u ebda Bord Dixxiplinarju ma gie kostitwit, avolja dwaru nghatat accertazzjoni mill-Human Resources Manager tal-Korporazzjoni. Certament, li kieku twaqqaf Bord bhal dan, b'dik il-funzjoni istruttorja solita tieghu, jew aspettata minnu, dan kien ikun ta' opportunita` shiha ghall-impjegata biex din tiddefendi ruhha u ssir mill-Bord il-valutazzjoni tal-provi u tad-difizi taghha ghall-iskop tal-formulazzjoni tal-proposti tas-sanzjoni. Dan kollu johrog sew u b'mod mill-aktar ovvju mill-vot ta' l-artikolu 41 tal-Ftehim Kollettiv. Proprju, is-sentenza appellata gharrfet illi, fil-harsien ta' l-interessi ta' l-impjegata, l-imsemmi artikolu kien jimponi limiti precizi fuq id-diskrezzjonalita` tal-Korporazzjoni fl-ezercizzju tas-setgha dixxiplinarja, salv dejjem, s'intendi, ir-riskontru fil-fazi successiv u in sede gudizzjarju tal-legittimita` tas-sanzjoni komminata;

Fi kliem iehor, u skond il-kriterji ordinarji ta' l-ermenewtika kontrattwali, fundamentalment fosthom l-element letterali tal-kliem fil-predett artikolu, ghat-Tribunal il-Korporazzjoni

ma setghetx unilateralment tippredisponi hi xi procedura kellha tkun applikabbli imma kien jinkombi fuqha li tattiva ruhha fir-rispett tal-Ftehim Kollettiv ghal dik li hi regolamentazzjoni dixxiplinarja;

Ipprecizata din il-qaghda interpretattiva tas-sentenza appellata kkontestata miz-zewg partijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel ir-riflessjonijiet taghha in mertu ghall-aggravji lilha sottoposti:-

(1) Innegabilment, in linea generali, bhal ma hu l-kaz f'diversi azjendi ohra, anke fil-Korporazzjoni hu prospettat li tezisti suddivizjoni ta' diversi katergoriji ta' impjegati. Bla dubju wkoll il-klassifikazzjoni ta' l-impjegati fid-diversi kategoriji tassumi valur vinkolanti u deciziv mhux biss ghal dak li jirrigwarda l-mansjonijiet specifici skond dik il-klassifikazzjoni izda wkoll in raguni tal-problematika fejn tinsorgi kwestjoni ta' ri-integrazzjoni tal-post tax-xoghol skond decizjoni tat-Tribunal. Di regola, huwa l-Ftehim Kollettiv jew il-kuntratt singolari ta' impjieg l-istrument idoneju li jikkreja l-klassifika, anke jekk ma jridx jonqos li jkun avvertit illi l-appartenenza ta' l-impjegat ghal certa kategorija ma ghandhiex issir lanqas fuq il-bazi ta' xi definizzjoni astratta tal-kategorija izda, invece, dik ta' l-importanza rilevanti tal-mansjoni effettwata mill-impjegat u jekk il-posizzjoni tieghu fl-azjenda hijiex wahda ta' dipendenza gerarkika, o meno;

(2) It-Tribunal ma okkupax ruhu minn din il-kwestjoni ta' l-appartenenza ta' l-appellanti Mifsud fi hdan il-Korporazzjoni u jekk, allura, il-kariga taghha kienetx wahda ezekuttiva jew le. Ir-raguni ghal dan ma tridx ricerka approfondita. Strettament, it-Tribunal ma ordna ebda re-inseriment fl-impjieg ta' l-imsemmija appellanti izda, sempliciment, li din tigi integrata fid-drittijiet taghha *quo ante* t-tehid tad-decizjoni tal-licenzjament taghha mill-Korporazzjoni. Jekk xejn, ghal dik it-tutela taghha li jkun assigurat lilha konformita mal-procedura tad-Dixxiplina skond il-Ftehim Kollettiv. Ma jidherx li ghandu jkun disputat illi l-integrazzjoni fid-drittijiet procedurali hi haga ben distinta minn dik tar-re-integrazzjoni sostantiva fl-

impjieg, *ex post* l-individwazzjoni u d-determinazzjoni gudizzjali mit-Tribunal tal-kawza ingustifikata tat-terminazzjoni ta' l-impjieg. Il-wahda mhix ekwipollenti ghall-ohra. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma ddecediex *extra petita*;

(3) Dan appena rilevat ghandu jghodd ukoll bi twegiba ghall-obbjezzjonijiet sollevati mill-appellanti Mifsud. La t-Tribunal zamm ruhu fil-konfini tal-punt centrali relattiv ghall-procediment dixxiplinarju mill-Korporazzjoni, u ma ddeterminax hu stess is-sostanza tat-tkeccija, ma kienx mistenni minnu li jikkwantifika l-kumpens in kwantu l-qaghda irrivertiet lura ghal dik li kienet qabel l-licenzjament. Il-hlas ordnat mit-Tribunal li ghandu jsir mill-Korporazzjoni ma ghandux kollegament ma' kumpens kif mifhum mill-Artikolu 81 (2) ta' l-Att izda hu korrelatat mar-retribuzzjoni ta' dak dovut lill-appellanti skond it-termini kontrattwali ta' l-impjieg taghha;

(4) Ugwalment, din il-Qorti ma tarax il-gustifikazzjoni tac-censura ta' l-imsemmija appellanti ghal ragunament u konkluzjoni tat-Tribunal illi r-"*written warnings*" jigu tradotti f'*charges* ghal fini tas-successiva decizjoni dwarhom mill-Bord tad-Dixxiplina. Dawk il-*warnings* jirrapprezentaw certament l-infrazzjonijiet addebitati lill-appellanti-impjegata. Oltre dan, l-istess *warnings* jaghtu certezza preventiva lill-kuntenut tal-kontestazzjoni u b'hekk l-istess appellanti tkun minn issa stess a konoxxenza ta' l-akkuzi, u dik ta' l-immodifikabilita` taghhom fil-procediment dixxiplinarju quddiem il-Bord. B'hekk ukoll ikun assigurat li ma jkunux vjolati d-drittijiet ta' l-appellanti. Primarjament fosthom dak tad-difizi taghha kontra dawk l-akkuzi.

Ghal konsiderazzjonijiet kollha premessi din il-Qorti tirrigetta z-zewg appelli tal-kontendenti u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali. Kull parti thallas l-ispejjez ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------